8 ta' Frar, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Carmela Deguara *versus* Giuseppe Francalanza et.

**Legat "A Limine Intus" — Għamara — Art. 355 u 728 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fis-sens tal-liġi l-kelma "għamara" tikkomprendi l-għamara kollha tad-dar, kompriżi l-kwadri u l-istatwi li ma jiffurmawx kollezzjoni; imma ma tikkomprendix il-bjankerija, il-fajjenza ta' l-ikel u l-oġġetti tal-kċina.*

*Il-legat ta' ħaġa jew ta' kwantità li għandha tittieħed minn ċertu lok ikollu effett biss kemm il-darba dik il-ħaġa tkun tinsab f'dak il-lok; u jekk biċċa biss tinsab fil-lok imsemmi mit-testatur, il-legat ikollu effett għal dik il-biċċa biss.*

L-attriċi fit-taħrika qalet li, barra minn dawk il-legati ordnati mit-testatur favur tagħha fit-testment tiegħu fuq imsemmi tal-24 ta' Mejju 1941 (dok. B), u fl-ieħor posterjuri fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini tat-23 ta' April 1942 (dok. C), l-istess testatur Salvatore Francalanza in forza ta' l-istess testment tiegħu tat-30 ta' Ottubru, 1941 (dok. A) ħalla a titolu ta' legat għal-favur tagħha, flimkien mal-proprjetà tat-terran f'Bormla, Triq tal-Baqar, numru 40, (a) kull ma hemm ġo l-istess fond "a limine intus", (b) l-għamara ta' lejn kien evakwat, u eżistenti fil-fond ir-Rabat, Dar Ħanżira sive Sqaq tal-Katakombi, numru 48, u (c) l-għamara eżistenti fil-fond Marsaxlokk, Strada Marina, numru 13; u li b'diversi pretesti insostenibili, iċ-ċitati ma kkonsenwalhiex l-oġġetti lilha mħollijin fit-tliet disposizzjonijiet (a), (b) u (c) fuq indikati a titolu ta' legat; u talbet li wara li jkunu premessi kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kwalunkwe provvediment relativ, il-konvenuti jiġu minn din il-Qorti kundannati li:—

1. Jikkonsenjaw fi żmien qasir u perentorju, u in adempiment tal-legat ordnat favur tagħha, dawk l-oġġetti kollha, kompriżi għamara, bjankerija, flus, titoli u deħbijiet, kollox kompriż u xejn eskluż, li waqt it-testment kienu jinsabu fir-residenza ta' l-imsemmi testatur Salvatore Francalanza fl-imsemmi fond f'Bormla, Triq tal-Baqar, numru 40, u li, għalkemm ġew wara rimossi mill-istess testatur biex issalvahom mid-distruzzjoni, kif ikun pruvat, baqgħu fil-patrimonju tiegħu sa mewtu;

2. Jikkonsenjaw fi żmien qasir u perentorju, u in adempiment tal-legat ordnat favur tagħha, dik l-għamara kollha, kompriża dik li waqt it-testment ta' l-istess Salvatore Francalanza kienet tinsab ir-Rabat, Djar Ħanżira sive Sqaq il-Katakombi, numru 48, fejn allura huwa kien evakwat, u li ħu wara ġarr u ħa fil-fond fejn miet, Marsaxlokk, Strada Marina, numru 13, eżistenti waqt mewt it-testatur fl-istess fond Marsaxlokk, Strada Marina, numru 13;

3. U in difett tal-konsenja ordnata taħt l-ewwel żewġ kapi tas-sentenza, iħallsuha l-valur relattiv, likwidabili f'dan jew f'ġudizzju separat, għal bżonn per mezz ta' periti;

Bl-ispejjeż, u salva kwalunkwe azzjoni oħra lilha kompetenti għas-sodisfazzjon tal-legat "a limine intus" għal dak li jirrigwarda l-oġġetti mirduma fil-fond f'Bormla, Triq tal-Baqar, numru 40, u għas-sodisfazzjon ta' kwalunkwe legat ieħor inkluż kompriż fit-talbiet tat-taħrika;

*Omissis;*

Mill-kopja tat-testment li d-decujus għamel fit-30 ta' Ottubru 1941 għand in-Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini u eżibit fil-fol. 8 tal-proċess, jirriżulta li t-testatur ħalla lill-attriċi b'legat (a) il-mezzanin li qiegħed Cospicua, Triq il-Baqar, numru 40, b'kull ma hemm ġo fih mill-għadba 'l ġewwa, jiġifieri għamara, bjankerija, flus, titoli, deħebijiet u l-affarijiet l-oħra kollha, (b) l-għamara ta' fejn huwa evakwat, u ċjoè dik eżistenti fil-post li qiegħed fi Triq Ħanżira, Sqaq Katakombi, numru 48, u (c) l-għamara li hemm fil-post l-ieħor li qiegħed f'Marsaxlokk, Strada Marina, numru 13;

Mill-provi rriżulta li minħabba l-ħruxija ta' attakki mill-ajru, it-testatur kien ġarr xi għamara mid-dar tiegħu ta' Bormla għal fejn joqgħod ir-Rabat, f'Settembru 1940, u aktar

tard f'Gunju 1941. U mbaghad id-dar ta' Bormla waqghet. Dana kien fis-7 ta' April 1942. Aktar tard, meta anki r-Rabat gie milqut bl-ikrah u waqghet l-iskola tar-Rabat, it-testatur garr l-ghamara, bjankerija u oggetti ohrajn fid-dar li kellu Marsaxlokk. Dana kien xi sitt xhur qabel ma miet;

Peress li t-testatur halla l-ghamara kollha li kellu fit-tlitt idjar, ma jistax ikun hemm dubju li l-legat jikkomprendi l-ghamara kollha li t-testatur kellu meta miet; u jifdal biss li wiehed jara x'ghandu jifhem bil-kelma "ghamara". Evidentement fit-testment li gie miktub min-nutar il-kelma "ghamara" ghandha l-istess sinifikat li l-ligi taghtiha fl-art. 355 tal-Kodici Civili, jigifieri tal-ghamara kollha tad-dar, komprizi l-kwadri u l-istatwi li ma jiffurmawx kollezzjoni; u kif innota Sir Adrian Dingli, dak l-artikolu ghandu sinifikat aktar estiz minn dak ta' kodicijiet ohrajn. Fil-lingwagg komuni, li evidentement kien dak li bih it-testatur fisser il-volontà tieghu, l-ghamara ma tikkomprendix il-bjankerija, il-fajjenza ta' l-ikel u l-oggetti tal-kcina; izda dak biss li jservi ghall-uzu u ornament tad-dar. U t-testatur stess wera li kien jaghmel distinzjoni bejn l-ghamara u l-oggetti l-ohrajn ta' l-uzu tad-dar meta, wara li fil-legat "a limine intus" semma l-ghamara, zied ukoll il-bjankerija u l-affarijiet l-ohrajn tad-dar. Barra minn dan, anki fl-iskritti nuzjali u t-testmenti, generalment issir differenza bejn mobbli, sive ghamara, u fajjenza ta' l-ikel u oggetti tal-kcina; u dana juri li l-uzu jaghti lill-kelma "ghamara" sens fiit u xejn restrittiv li ma jinkludix il-fajjenza, l-oggetti tal-kcina u l-ghodda li bihom wiehed isajjar u jiekol;

Izda l-attrici tippretendi wkoll dawk l-oggetti kollha, komprizi l-bjankerija, l-oggetti tal-kcina u affarijiet ohrajn, li ma humiex ghamara, bis-sahha tal-legat "a limine intus", peress li dawk l-oggetti kienu originarjament fid-dar ta' Bormla. Il-Qorti tosserva li meta t-testatur ghamel l-ewwel testment huwa kien diga garr mid-dar ta' Bormla l-oggetti tad-deheb u tal-fidda u d-djamanti u d-dokumenti ta' flus, ghax meta kien joqghod ma' Carabott huwa werihom lil Carmela Francalanza (fol. 65); u mhux presumibili li wara marrega' qeghedhom fid-dar ta' Bormla meta huwa evakwa ruhu fir-Rabat. Anki l-bjankerija kienet giet mehuda r-Rabat

t'Ottubru 1941. Evidentement, meta għamel it-testment f'Ottubru 1941, huwa kien jobsor li għad jerġa' jmur joqgħod f'daru f'Bormla, fejn f'dak il-każ presumibilment kien jerġa joġorr hwejġu u għidu, u għalhekk seta' kkunsidra l-effetti mobili tiegħu bħala ġuridikament eżistenti f'dik id-dar ta' Bormla, billi band'oħra kienu materjalment aktarx b'depożitu meħtieġ mic-ċirkustanzi anormali ta' dak iż-żmien. Iżda meta huwa fis-7 ta' April 1942, tilef id-dar ta' Bormla għax dina ġiet imġarrfa, u huwa telaq mir-Rabat u mar joqgħod f'daru f'Marsaxlokk, fejn ġabar hwejġu, huwa ma setax jikkunsidra l-effetti mobili tiegħu bħala ġuridikament eżistenti aktar fid-dar ta' Bormla, u li kienu band'oħra sempliċement b'aċċident u għal żmien qasir biss; għax fid-dar ta' Bormla ma setax imur jgħammar iżjed;

Intant fit-23 ta' April 1942 id-decujus għamel testment ieħor u ħalla legat ieħor lill-attriċi, u żiedu mal-legati mħollija preċedentement. Li kieku ried iħalli lill-attriċi legat "a limine incus" ta' kull ma kellu r-Rabat jew f'Marsaxlokk, huwa kellu l-opportunità kollha biex jagħmlu fl-aħħar testment; u wara l-aħħar testment huwa għex sat-30 ta' Jannar 1943 (fol. 19). B'dana kollu fuq l-effetti mobili tiegħu ma żied qal xejn, u riferenza ġenerika għal-legati preċedenti evidentement tirrigwarda l-istabili u dak li kien fadal fil-lok indikat fit-testment bħala l-lok fejn kellhom jinstabu l-oġġetti li ried iħalli lill-attriċi, peress li r-rimozzjoni ta' l-oġġetti mid-dar ta' Bormla kienet permanenti u definitiva taħt iċ-ċirkustanzi ta' dawk iż-żmienijiet, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li t-testatur ma kienx żgħir b'mod li seta' jittama li għad jara l-Bormla mibnija mill-ġdid. Skond l-art. 738 ta' Kodiċi Ċivili, "il-legat ta' ħaġa jew ta' kwantità li għandha titteħed minn ċertu lok ikollu effett biss kemm-il-darba l-ħaġa tkun tinsab f'dak il-lok; u jekk biċċa biss tkun tinsab fil-lok imsemmi mit-testatur, il-legat ikollu effett għal dik il-biċċa". Għaldaqstant l-attriċi għandha dritt tieħu bis-saħħa tal-legat l-għamara kollha tad-decujus u dawk l-oġġetti l-oħrajn kollha li kien fadal fid-dar ta' Bormla meta nfetħet is-suċċessjoni tad-decujus, jekk kien fadal xi ħaġa;

U tabilħaqq, li kieku t-testatur ried iħalli l-effetti mobili tiegħu kollha lill-attriċi, kienu fejn kienu, ma kienx jis-

speċifika d-dar fejn kellhom jinsabu, iżda kien jiddisponi favur tagħha b'mod ġenerali, kienu fejn kienu l-oġġetti tiegħu; iż-jed u iż-jed meta wieħed jikkunsidra li t-testatur kien ġà ġarrab il-ħsara u l-periklu tat-telfa ta' ħwejġu, u kien qiegħed jirrifuġja ruħu fejn jaqbillu l-aktar. Għalhekk l-attriċi ma għandhiex dritt tieħu bis-saħħa tal-legat il-bjankerija, il-flus, it-titoli, id-deheb u l-fidda, u dawk l-oġġetti li ma humiex għamara, salvo dawk li nstabu fid-dar ta' Bormla li għalihom għandha dritt. Mill-għamara l-konvenuti ma ċaħduhiex, kif l-attriċi stess stqarret fid-dikjarazzjoni (fol. 5 wara). Iżda, konformi mal-prinċipji żvolti f'dis-sentenza, il-Qorti tosserva li fl-għamara huma inklużi, bħala ornament u għas-servizz tad-dar, il-purtieri, il-linfa, il-fanali u l-lampa tad-dendil, il-par važuni taċ-Ċajna, il-kandilabri tal-bronż, il-bastiment bl-irmar tiegħu, it-twapet, il-kolonni tal-ġebel, l-arloġġ kbir antik u l-oħrajn li jservu ta' ornament, il-fliskatur, u l-banjijiet, il-kaldaruni l-kbar, il-qafas, il-kandlieri u l-kurċifissi mhux tal-fidda, is-sloppijiet, l-awrinari, il-figuri tal-ġibs u tax-xaqquf, kompriż il-kelb tal-ġibs, il-važuni, il-fran, il-kantunieri tal-ġibs u l-inkwatri. Fuq il-gwardarobba, imwejjed, siġġijiet u oġġetti simili, ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, peress li dawn huma żgur għamara;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet limitatament għall-għamara biss kif speċifikata f'din is-sentenza u għall-oġġetti li sejħu nstabu, jekk instabu, fid-dar ta' Bormla u tiċħad it-talbiet għall-kumplament; u għall-finijiet tal-konsenja tagħti lill-imħarrkin għaxart ijiem żmien, u fil-każ li jonqsu tikkundannahom iħallsu ta' l-oġġetti konsenjabili l-valur li għandu jiġi likwidat f'ġudizzju separat;

L-ispejjeż, in vista tal-kwistjonijiet li nqalgħu jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet: bid-dritt tar-reġistru nofs għall-attriċi u nofs għall-imħarrkin bejniethom